# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 598/2016

**Il-Pulizija**

**(Spt. Graziella Muscat)**

**vs**

**Omissis**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2019

**Il-Qorti**;

**Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Minorenni (Malta) wara denunzja minn Ufficcjal tal-Probation kontra *probationee* kif jirrizulta ahjar deskritt aktar 'l quddiem.**

Rat illi b'rikors tal-21 ta' Novembru, 2016, l-Ufficjal tal-Probation, Charise Boffa, ghamlet denunzja fil-konfront tal-appellanti, Omissis, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-

numru xxx, ai termini ta' l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li bih talbet lill-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidrilha xierqa u opportuni kontra l-istess Omissis wara li naqset milli toqghod ghall-ordnijiet u pjanijiet ta' kura;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni (Malta), tat-30 ta' Novembru, 2016 li biha fit-termini tal-Artikoli 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil Omissis hatja li naqset li toqghod ghall-htigijiet ta' l-Ordni ta' Probation moghti fil-1 ta' Mejju 2016 u ghazlet li titratta maghha ghar-reati li taghhom instabet hatja dakinhar u ikkundannatha xahrejn detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appellanti Omissis, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru, 2016, permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti **tvarja** s-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni tat-30 ta' Novembru 2016, billi **tikkonferma** dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja li naqset li toqghod ghall-htigijiet ta' l-Ordni ta' Probation moghti fil-11 ta' Mejju 2016 u **thassar** dik il-parti fejn ghazlet li titratta maghha ghar-reat li tieghu nstabet hatja u kkundannatha xahrejn detenzjoni u **minflok** tordna t-tkomplija tal-imsemmija Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, jew fin-nuqqas timponi piena li mhix prigunerija effettiva, u dan taht dawk l-ordnijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-atti processwali jemergi illi b'sentenza tal-Qorti tal-Minorenni tal-11 ta' Mejju, 2016, l-appellanta kienet misjuba hatja, brevement, ta' theddid kontra Head Care Worker u biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha. F'dik is-sentenza, il-Qorti kkundannatha ghall-ammenda ta' Ewro 30 u qeghditha fuq ordni ta' probation ghall perjodu ta' tmintax-il xahar;

2. Illi wara denunzja tal-Ufficjal tal-Probation tas-27 ta' Mejju 2016, l-istess Qorti, b'sentenza tal-1 ta' Gunju, 2016 sabet lill-*probationee* hatja ta' ksur tal-ordni ta' probation u wara li kkundannatha ghall-ammenda ta' Ewro 40 estendiet l-perjodu ta' probation ghall zmien sentejn mill-11 ta' Mejju 2016;

3. Illi l-Ufficcjal tal-Probation regghet iddenunzjat lill-*probationee* b'rikors tal-21 ta' Novembru, 2016 li huwa r-rikors mertu tal-appell odjern. F'dan ir-rikors, l-Ufficcjal infurmat lill-Qorti tal-Minorenni illi minkejja it-twissijiet mill-professjonisti kollha li jahdmu mal-*probationee* , din xorta wahda baqghet tahrab mill-*home* fejn hi allogjata u tirritorna biss ghal ftit tal-hin; kienet qed turi nuqqas ta' rispett lejn l-awtoritajiet u l-professjonisti li jahdmu maghha u li kienet naqset milli zzomm kuntatt mal-Ufficcju u l-Ufficcjal tal-Probation u l-Parole skond kif diretta u ghalhekk il-pjan ta' kura mfassal ghaliha ma setghax ikun attwat;

4. Illi b'sentenza tat-30 ta' Novembru, 2016, il-Qorti tal-Minorenni sabet lill-*probationee* hatja u din id-darba trattat maghha dwar ir-reati li kienet originarjament misjuba hatja

taghhom u kkundannatha ghall-terminu ta' xaharejn detenzjoni;

5. Illi fl-appell odjern, l-appellanta tillanja l-piena erogata mill-ewwel Qorti bhala wahda eccessiva u li tista' tesponiha ghal aktar influwenzi negattivi u xxekkel il-hidma tal-professjonisti li qed jahdmu mal-esponenti sabiex jkunu indirizzati l-problemi fl-imgieba taghha;

6. Ezaminati bir-reqqa l-atti processwali, jemergi illi l-Qorti tal-Minorenni li prolatat is-sentenza mertu ta' dan l-appell kienet preseduta mill-istess Magistrat li orginarjament kienet sabet lill-appellanti hatja, wara ammissjoni taghha stess, tar-reati kif brevement deskritti fil-paragrafu numru wiehed tal-kunsiderazzjonijet tas-sentenza odjerna. Dan qed jinghad ghaliex huwa evidenti illi dik il-Qorti segwiet il-process kollu, inkluz allura lill-appellanta, mill-bidu sa l-ahhar u dik il-Qorti kienet iddecidiet li tigbed linja sa fejn kellha tasal fil-konfront tal-appellanta. Fi kliem iehor iddecidiet li l-appellanti ma kienx jimmeritaha aktar li terga' tinghata l-opportunita' li tirriforma ruhha b'mezzi alternattivi ghall-inkarcerazzjoni;

7. Minn dak li jirrizulta lil din il-Qorti mill-qari tal-atti processwali, ma hemm xejn x'jiddemostra li l-ewwel Qorti erogat xi piena eccessiva ghar-reati originarjament kommessi f'Marzu 2016. Anqas ma hu indikattiv li l-Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li titratta mal-appellanta dwar dawk ir-reati minflok li terga' tapplika, ossia testendi, fil-konfront taghha sanzjoni komunitarja. L-appellanta ghaddiet mill-gradwatorja kollha sakemm finalment sabet ruhha f'qaghda fejn il-Qorti kellha taghmel xelta fil-konfront taghha, liema xelta mill-ottika ta' din il-Qorti, kienet wahda gusta u ragjonata;

8. Dan il-kaz, izda, kien deciz f'Novembru, 2016 meta l-appellanta kienet ghadha minorenni. Mid-data li fiha kien introdott l-appell taghha, izda, jidher, li kien hemm bdil f'cirkostanzi li din il-Qorti ser tiehu konjizzjoni taghhom. Jibda biex jinghad illi llum il-gurnata l-appellanta hija maggorenni u ghalhekk ma ghadhiex tirrisjedi fir-residenza Fra Diegu Home u minn fejn kienet tahrab kontinwament – haga din li tat lok ghall-ahhar denunzja mertu tas-sentenza hawn skrutinata. Illum tirrisjedi ma' habiba tal-familja taghha u jidher li hija stabbli. Il-problema ta' riluttanza li tirrisjedi f'din ir-residenza issa ghalhekk hija kwistjoni tal-passat u l-prosekuzzjoni hija konkordi mal-proposti tad-difiza li l-appellanta tinghata l-opportunita' li tevita li tirfes l-ghatba tal-habs;

9. Il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi inkluz in-natura tar-reati li originarjament taw lok ghas-sanzjoni komunitarja inkluz ukoll l-eta relattivament zghira tal-appellanta llum u li ma ghadhiex tirrisjedi fir-residenza li kienet ir-raguni tad-denunzja odjerna, hi tal-fehma li hemm lok ta' temperament fil-piena erogata mill-ewwel Qorti;

10. Issa, dwar kif din il-Qorti ser titratta mal-appellanta, hija kwistjoni ftit jew wisq odjuza. Dan ghaliex fost il-possibilitajiet kollha hemm dawk tal-estensjoni tal-probation jew il-kundanna finali. Fl-ewwel ipotesi, l-appellanta ser tibqa' soggetta ghall-ordnijiet ta' Ufficcjal tal-Probation dwar reati kommessi fi zmien meta kienet ghadha minorenni fejn kienet gustament tqieghdet taht sanzjoni komunitarja dwarhom. Illum il-gurnata gia tinsab taht ordni ta' probation imposta minn Qorti ohra u ghalhekk ksur ta' eventwali ordni ohra ser jibqa' jkollu konsegwenzi fuq r-reati originali. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, hija l-fehma ta' din il-Qorti li jkun aktar idoneu li l-appellanta tghalaq dan il-kapitolu billi taghmel il-kontijiet dwar dak li ghamlet

meta kienet ghadha minorenni. F'dan ir-rigward izda, idejn il-Qorti huma marbuta ghaliex bl-artikolu 95 u 251 tal-Kodici Kriminali, l-piena erogabbli hi dik tal-prigunerija u bl-inzul ta' zewg gradi skond l-artikolu 37 tal-Kap 9 stante li l-appellanta kienet minorenni dak iz-zmien, il-minimu applikabbli hu dak gia applikat mill-ewwel Qorti igifieri ta' xaharejn prigunerija. Irid jinghad ukoll illi llum il-gurnata l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 thassar u ma ghadux fis-sehh u ghalhekk wisq anqas il-piena erogabbli ghal-dak ir-reat;

11. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, hija indikata estensjoni tal-Ordni ta' Probation;

12. Ghal din ir-raguni tilqa' l-appell u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabitha hatja li naqset milli toqghod ghall-htijgiet ta' l-Ordni tal-Probation moghti fil-11 ta' Mejju, 2016, thassarha f'dik il-parti li ghazlet li titratta maghha ghar-reati li taghhom instabet hatja fil-11 ta' Mejju, 2016 billi kkundannatha ghal-xahrejn detenzjoni u minflok qed testendi l-Ordni ta' Probation maghmula bis-sahha tas-sentenza tal-11 ta' Mejju, 2016 per il-Qorti tal-Minorenni u dan ghal zmien sena mil-lum b'dan illi l-Ufficcjal tal-Probation ghandu jew ghandha thejji rapport tal-andament tal-*probationee* fi zmien sitt xhur mil-lum u f'eghluq tas-sena.

13. Il-Qorti spjegat fi kliem car l-obbligi tal-appellanta naxxenti minn din is-sentenza.

14. Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur Ufficcju tal-Probation;

15. Tordna ukoll id-divjet tal-publikazzjoni ta' isem l-appellanta stante li kienet minorenni fi zmien tal-kommissjoni tar-reat.